**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta' Novembru, 2017

Rikors Guramentat : 294/10 AL

**A B C**

**vs**

**D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-hamsa (5) ta' Frar 2002 u dana hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala (Dok A);

2. Illi miz-zwieg twieldu zewgt itfal u cioe' H u S ta' tmien snin u sentejn rispettivament hekk kif jirrizulta mill-annessi certifikati tat-twelid (Dok B – C);

3. Illi l-hajja konjugali giet resa mpossibbli minhabba adulterju, abbandun, sevizzi, ingurji gravi, theddid u vjolenza morali kommessi da parti tal-konvenut u kif ukoll minhabba nkompatibilita ta' karattru.

4. Illi l-attrici fil-hamsa (5) ta' Mejju 2010 talbet lil-Registratur tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tappunta medjatur mill-lista taht ir-regolament 4(3) tal-Avviz Legali 397/2003 sabiex l-istess medjatur jipprova jwassal il-partijiet ghal ftehim dwar is-separazzjoni.

5. Illi miz-zewg seduti li saru quddiem il-medjatrici l-konvenut, li kien debitament notifikat bl-appuntament ta' dawn is-seduti, ghogbu li ma jattendix mentri l-attrici deheret ghal kull seduta.

6. Illi ghalhekk il-medjatrici kellha taghlaq tali medjazzjoni u l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta` digriet tal-Qorti Civli (Sezzjoni Familja) datat ghaxra (2) t'Awissu 2010 hawn anness u mmarkat bhala Dok D.

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut kif hawn fuq premess.

2. Tawtorizza l-attrici tghix separata minn mal-konvenut.

3. Tapplika kontra l-konvenut s-sanzjonjiet kontemplati fil-ligi fosthom dawk kontemplati fl-artikolu 48et seq tal-Kodici Civili.

4. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment adegwat lill-attrici ghaliha u ghal l-ulied minuri;

5. Tordna li l-kura u kustodja tat-tfal minuri tkun f'data f'idejn l-attrici;

6. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fit-tielet talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, ma ppreżentax ir-risposta ġuramentata tiegħu fit-terminu mpost mil-liġi.

Rat illi fis-7 ta’ Mejju 2012, il-konvenut ippreżenta rikors fejn talab l-awtorizzazzjoni sabiex iressaq ir-risposta ġuramentata tiegħu, u dana wara li sostna li huwa kellu raġuni tajba għalxiex naqas li jippreżentaha entro t-terminu; Rat illi l-istess rikors baqa’ qatt ma ġiet debitament notifikat lill-attriċi skond m’ordnat il-Qorti bid-digriet tagħha tad-9 ta’ Mejju 2012; Rat illi l-konvenut xorta waħda ppreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fis-27 t’Awwissu 2012, bil-premessa li huwa ġie awtorizzat jagħmel b’dan b’digriet tas-7 t’Awwissu 2012. Illi fis-7 t’Awwissu 2012, il-Qorti kienet awtorizzat in-notifika tal-attriċi wara l-ħin legali u mhux il-preżentata tar-risposta ġuramentata; Illi tenut kont illi r-risposta ġuramentata tal-konvenut ġiet ippreżentata fuori termine u mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, għall kull buon fini, l-Qorti qiegħda tordna l-isfilz tagħha, u tiddikjara lill-konvenut kontumaċi f’dawn il-proċeduri.

Rat l-affidavit tal-attriċi u n-nota ġuramentata tagħha;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti li ġew ippreżentati;

Rat illi wara diversi tentattivi għall-ftehim bejn il-partijiet għal separazzjoni bonarja, huma waslu għall-ftehim dwar kif għandhom jirregolaw is-separazzjoni tagħhom, liema ftehim

huma ippreżentaw lill-Qorti fil-5 ta' Lulju 2017, permezz ta' nota konġuntiva[1];

Rat ukoll il-verbal tal-udjenza tal-5 ta' Lulju 2017 illi permezz tiegħu iż-żewġ partijiet iddikjaraw illi ddekadew mid-drittijiet rispettivi tagħhom li jitolbu u jirċievu manteniment mingħand xulxin, peress illi huma t-tnejn għandhom jew kellhom matul iż-żwieġ, relazzjoni ma' terzi. Id-difensuri talbu li klawżola f'dan is-sens tiġi inserita fis-sentenza;

Rat illi m'hemm l-ebda raġuni għalfejn il-Qorti m'għandhiex tilqa' l-istess ftehim u ma tagħtix sentenza għab-bażi tal-istess;

## DEĊIDE

Għal dawn il-motivi u fuq ftehim bejn il-partijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' limitatament l-ewwel talba attriċi billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, iżda dana għal raġunijiet imputabbli liż-żewġ partijiet li rrendew ruħhom ħatja t'adulterju fil-konfront ta' xulxin;

2. Tilqa' t-tieni talba billi tawtorizza lill-partijiet jgħixu separati minn ma' xulxin;

3. Tilqa' t-tielet talba attriċi billi tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili; tuża d-diskrezzjoni tagħha ai termini tal-Artikolu 52 tal-Kodiċi Ċivili biex tapplika wkoll fil-konfront tal-attriċi l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;

4. Tilqa' r-raba talba limitatament billi:

    a. tilqagħha in kwantu titlob manteniment għall-minuri H u S u konsegwentement tordna lill-

[1] Fol. 484

konvenut iħallas lill-attriċi is-somma ta' mija u ħamsa u sebgħin Ewro (€175) kull erba' ġimgħat bil-quddiem, għal kull wieħed minn dawn iż-żewġ uliedu minuri, liema ammont jinkludi sehemu mill-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni; Il-manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Il-konvenut jibqa' jivversa lill-attriċi l-manteniment għal uliedhom H u S, oltre l-għeluq tat-tmintax-il sena tagħhom, sakemm dawna jibqgħu jistudjaw/jitħarrġu *full-time* jew sakemm jilħqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena, skont liema tavvera ruħha l-ewwel. L-attriċi tirċievi kwalsiasi children's allowance, jew benefiċċju ieħor dovut għall-minuri, fl-ammont sħiħ.

b. Tiċħadha in kwanti titlob manteniment għaliha u tispeċifika illi ż-żewġ partijiet iddekadew mid-drittijiet rispettivi tagħhom li jitolbu u jirċievu manteniment mingħand xulxin peress illi huma t-tnejn għandhom jew kellhom matul iż-żwieġ, relazzjoni ma' terzi.

5. Tilqa' l-ħames talba billi tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri H u S esklussivament f'idejn l-attriċi; b'dana illi kwalsiasi deċiżjoni (kemm ordinarja u wkoll straordinarja) rigwardanti saħħa, edukazzjoni, reliġjon, trobbija, safar tal-minuri, inkluż il-ħruġ u/jew it-tiġdid tal-passaport tal-minuri u b'mod ġenerali kull deċiżjoni oħra rigwardanti l-minuri għandha tittieħed mir-rikorrenti weħidha mingħajr il-bżonn tal-awtorizazzjoni u/jew il-kunsens tal-intimat. Il-konvenut ikollu aċċess liberu favur il-minuri;

6. Tilqa' s-sitt talba attriċi b'dana illi xxolji b'effett mill-preżenti l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B; Tordna illi kwalunkwe dejn li sar fiż-żwieġ ikun a karigu esklussiv tal-intimat, b'dan illi f'każ illi l-attriċi tħallas jew tiġi ordnata tħallas xi dejn

tal-komunjoni, hija jkollha dritt ta’ rivalza kontra l-konvenut għall-ammont kollu;

7. A tenur tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tawtorizza lill-attriċi sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha ossia C;

Bl-ispejjeż, jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.